MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-2 ta' April, 2008

Talba Numru. 189/2007

**Seasus Ltd.**

**Vs**

**Francesco Fenech Ltd.**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tas-socjeta' attrici li qed titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata minn dan it-Tribunal thallas is-somma ta' disa' mija u sitta u erbghin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm946.45) – u cioe' illum elfejn mitejn u hames Euro (€ 2,205), kif jirrizulta mill-'istatement of accounts', li jirrapprezentaw ammonti dovuti mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizzi rezi mill-istess socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet preliminarjament li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148 (a) u/jew Artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili.

Ra x-xhieda ta' Kenneth Bone li xehed li kien gie nkarigat mis-Sur Tony Fenech sabiex ihejju 'website' ghas-socjeta' konvenuta.

Ghal dan ix-xoghol hemm diversi servizzi, fosthom il-konsulenza, 'software development', u l-'graphic design.

Ix-xoghol ta' 'website' huwa x-xoghol tax-xhud u jinvolvi xoghol ta' sengha u arti. Jghid li x-xoghol tieghu huwa bhal dak ta' avukat, tabib, ecc.

Ix-xoghol gie ordnat fl-2003 u sar fl-istess sena. Ghalih ix-xoghol huwa lest u komplut meta jsir il-hlas.

Jikkonferma li l-ewwel 'invoice' inharget fl-10 ta' Marzu, 2003 u dan kien ghal xoghol ta' 'website development'. It-tieni 'invoice' hareg fuq 'web hosting'. Ta' qabel l-10 ta' Marzu, 2003 is-'site' ta' Francesco Fenech kien disponibbli fuq l-'internet'.

Jghid illi kien gie nfurmat li s-socjeta' konvenuta ma kienitx kuntenta bix-xoghol tal-'website' izda ma tawhx spjegazzjoni.

Jghid li x-xoghol tieghu u s-servizz li joffri ma jistghux jigu deskritti bhala "arti mekkanika".

Ix-xoghol tieghu jinvolvi l-uzu ta' 'computer' u ta' 'programmer' u meta tigi mhejjija l-'website' hemm l-ewwel il-parti estetika, u cioe', kif ser jidher il-'website' u l-parti funzjonali, u cioe', kif ser jinhadem l-istess 'website', permezz ta' 'software' u kif ser tinhadem il-'website' fis-'search engines'.

Hemm dejjem ukoll xoghol ta' konsulenza.

Hu jikkonferma li s-servizzi li toffri s-socjeta' attrici kienu relatati max-xoghol tal-komputers u tat-tip ordnat mis-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidra

Din is-sentenza ser tiddisponi mill-eccezzjoni dwar l-allegati preskrizzjonijiet.

Ikkunsidrat

Is-socjeta' konvenuta qajjmet l-ecezzjoni preliminari li l-azzjoni hija preskritta jew taht l-Artikolu 2148 (a) u/jew l-Artikolu 2149 (a).

**L-Artikolu 2148 (a)**

Dan l-Artikolu jiccita preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar u dan jirreferi ***"ghall-azzjonijiet ta' hajjata, skarpan, mastrudaxxa, bennej, bajjad, haddied, argentier, arluggar u persuni ohra li jahdum sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri taghhom jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu,"***

Fis-sentenza fl-ismijiet **Langdale Limited vs Jon David Limited (QA 3/11/2004, App. Civili 4/1997)**, gie enunciat illi din id-disposizzjoni tal-ligi "***tirriferixxi ghal-lokazzjoni ta' opera li biha dawk il-persuni jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-locatio opera li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, izda l-prodott tax-xoghol – meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lill-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali."***

**L-Artikolu 2149 (a)**

Dan l-Artikolu, kif gie spjegat tajjeb fis-sentenza ta' Langdale Limited msemmija aktar 'l fuq fejn gie deskritt li

kuntrarjment ghal dak li jikkontempla l-Artikolu 2148 (a), li japplika ghal krediti ta' artefici li jipprestaw l-opra taghhom, l-Artikolu 2149 (a) jirriferixxi "***ghall-krediti ta' dawk li fihom tkun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li aktar minn opra jipprestaw xoghol – opus – minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xogholijiet u minghajr qies ta' l-importanza tas-somministrazzjonijiet."***

Ghalhekk il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni tas-socjeta' attrici qed tigi invokata a bazi ta' terminu ta' sena u nofs abbazi ta' l-Artikolu 2148 (a) jew dik ta' sentejn abbazi ta' l-Artikolu 2149 (a), azzjoni ghal hlas ta' debitu fuq xoghol ta' disinn u 'deployment' ta' 'website'.

Gie enunciat diversi drabi li l-preskrizzjonijiet qosra, bhal dawk indikati, ghandhom jinghataw interpretazzjoni ristrettiva **(John R. Portelli noe vs. C. Fino & Sons Limsited (App. 7 ta' Ottubru, 1997)).**

Stabbilit dan, it-Tribunal ghandu jezamina jekk, u liema disposizzjoni tal-ligi invokata ghandha tapplika ghal kaz in dezamina. It-Tribunal josserva li ma jarahx li l-fatti tal-kaz jistghu jinkwadraw fl-ambitu ta' l-Artikolu 2149 (a) tal-Kap. 12, ghaliex l-istess disposizzjoni tirreferi ghal servizzi ta' natura kummercjali.

Is-servizzi rezi mis-socjeta' attrici, kienu differenti, kien jinvolvi xoghol ta' konsulenza 'website designing', kif ukoll ta' 'website deployment' u cioe' kif is-sit ser jidhol fis-'search engines' bhala "Google" etc.; kien hemm ukoll xoghol ta' 'domain name registration'.

Biex is-socjeta' attrici lestiet il-'website', ghamlet id-disinn (aesthetic part) u poggietha fuq l-'internet', kien hemm hafna xoghol artistiku u xoghol ta' "sengha u arti" sabiex dan is-sit jigi ddisinjat u jitpogga 'available' ghall-'internet surfers'. Anke l-istess xhud, Bone, jikkonferma li x-xoghol tieghu kien jirrikjedi element ta' sengha u arti.

Dan kollu per se jwassal lit-Tribunal sabiex jaccetta l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2148 (a) tal-

Kap. 12 peress li s-servizzi tas-socjeta’ attrici kif deskritti kienu jirrikjedu s-servizzi resi mis-socjeta’ attrici kienu jikkonsistu f’’website design’ u ‘deployment’, ‘domain name registration’, kif ukoll ta’ ‘website hosting agreement’.

Ir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici jispjega ukoll illi hu kellu jiehu hsieb id-disinn u l-mod kif kien ser tiffunzjona l-‘website’, bhal kif ser jitpogga fuq l-‘internet’ biex ikun accessibbli ghal pubbliku. Hu ma jarahx bhala xoghol ta’ sengha jew arti, minkejja li parti minnu kien aktar thares lejn is-servizzi tieghu bhala wiehed komparabbli ghall-avukat jew tabib ghaliex kien jinvolvi grad gholi ta’ konsulenza.

Di piu’ l-istess servizz mhux affini ghas-snajja li jissemmew fl-Artikolu 2148(a) u lanqas jista’ jigi ragonevolment jigi nkluz fil-frazi:

***“ta’ persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika”.***

L-istess konkluzzjoni wasslet ghaliha l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza **John R Portelli noe vs. C. Fino & Sons Limited (App. 7/10/1997)** fejn is-socjeta’ attrici kienet taghti servizz ta’ konsistenza dwar reklamar, ‘public relations’ u ‘marketing’ u l-istess socjeta’ kellha tiehu hsieb il-produzzjoni ta’ hames ‘films’ televizivi qosra biex jirreklamaw mal-pubbliku kcejjen u kmamar tas-sodda mmanifatturati minnha u tibbukkja spazju televiziv ghat-trasmissjoni tar-reklami fuq it-‘television’.

Fl-istess sentenza gie enunciat illi “f’materja ta’ preskrizzjoni d-disposizzjonijiet tal-ligi li jirregolawha ma ghandhomx jigu nterpretati estensivament minn kaz ghall-iehor”.

Ghalhekk, fil-fehma ta’ dan it-Tribunal, is-servizz rez mis-socjeta’ attrici ma jikkostitwiex “sengha” jew “arti” mekkanika.

Ghaldaqstant, tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tordna l-prosegwiment tal-kawza. L-ispejjes relativi ghal din l-eccezzjoni ikunu a kariku tal-konvenut nomine eccipjent.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------